



SKEDA INFORMATIVA TEMATIKA

TAS-SEMESTRU EWROPEW

SISTEMI ĠUDIZZJARJI EFFETTIVI

1. INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea mibnija fuq ir-rispett għall-valuri fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija. Dawn il-valuri jridu jiġu protetti. Sabiex l-UE tiffunzjona kif suppost, jeħtieġ li l-Istati Membri kollha jkollhom sistemi ġudizzjarji effettivi.

Il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza huma l-komponenti ewlenin ta' 'sistema ġudizzjarja effettiva'. Sistemi ġudizzjarji effettivi huma prerekwiżit sabiex jinħoloq ambjent li jiffavorixxi l-investiment u n-negozju, minħabba li jnisslu fiduċja matul iċ-ċiklu kollu tan-negozju. Huma wkoll essenzjali għall-ħarsien tad-drittijiet tal-individwi, b'mod partikolari d-drittijiet soċjali. Huma kruċjali għall-implimentazzjoni tal-liġi kollha tal-UE, b'mod partikolari liġijiet ekonomiċi, u għat-tiŝhih tal-fiduċja reċiproka u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Dan tal-aħħar għandu impatt dirett fuq il-baġits pubbliċi u l-ambjent tan-negozju.

Ikun xi jkun il-mudell tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali jew it-tradizzjoni legali li fuqha tkun imsejsa, l-effiċjenza, il-kwalità u l-indipendenza huma fundamentali għal 'sistema ġudizzjarja effettiva'.

Is-Semestru Ewropew, iċ-ċiklu annwali tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE¹, identifika t-titjib tal-

¹ L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2017 tal-Kummissjoni Ewropea enfasizza li 's-sistemi ġudizzjarji effettivi huma meħtieġa biex jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u jwasslu servizzi ta' kwalità għolja lid-ditti u liċ-ċittadini'

effettività tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri bħala komponent ewleni tar-riformi strutturali. Għall-istess raġuni, ir-riformi ġudizzjarji nazzjonali saru wkoll parti integrali mill-komponenti strutturali fl-Istati Membri soġġetti għal programmi ta' aġġustament makroekonomiku². Jenħtieġ li kwalunkwe riforma tal-ġustizzja tiddefendi l-istat tad-dritt u tikkonforma mal-liġi tal-UE u l-istandards Ewropej tal-indipendenza ġudizzjarja.

Dan id-dokument huwa strutturat kif ġej. It-Taqsima 2 tippreżenta l-iżviluppi fl-effiċjenza, l-indipendenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji. It-Taqsima 3 tagħti eżempji ta' miżuri li jstgħu jtejjbu l-prestazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji. It-Taqsima 4 tagħti s-sitwazzjoni attwali tal-politika.

Skedi informattivi tematiċi oħrajn tas-Semestru Ewropew ta' rilevanza għall-kwistjoni kkonċernata jinkludu l-iskedi informattivi tematiċi dwar il-Kwalità tal-Amministrazzjoni Pubblika u dwar ir-

[COM(2016) 725 finali, p. 8].

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2016 kien diġà speċifika li 'Huwa meħtieġ li jiġu żgurati proċeduri rapidi, li jiġi indirizzat ix-xogħol b'lura tal-qrati, li jiżiedu s-salvagwardji għall-indipendenza ġudizzjarja u tittejjeb il-kwalità tal-ġudikatura, fosthom permezz ta' użu aħjar tal-ICT fil-qrati u l-użu ta' standards ta' kwalità' [COM(2015) 690 finali, p. 13].

² Il-programmi ta' aġġustament makroekonomiku fil-Greċja, fil-Portugall (li ntemmu f'Ġunju 2014) u f'Ċipru (li ntemmu f'April 2016) inkludew il-kondizzjonalità fuq ir-riforma ġudizzjarja.

Regolamentazzjoni ta' servizi
professionali.

2. L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-ISFIDI

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE³ tikkontribwixxi għas-Semestru Ewropew billi tipprovdi data oġġettiva, affidabbli u paragonabbli dwar il-kwalità, l-indipendenza u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri kollha.

Din l-għodda ta' informazzjoni, li qiegħda tevolvi, tgħin lill-UE u lill-Istati Membri jidentifikaw in-nuqqasijiet potenzjali, it-titjib, il-prattiki tajbin u x-xejriet matul iż-żmien.

Dan l-eżami ta' kemm jiffunzjonaw tajjeb is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali huwa kkomplementat minn valutazzjoni speċifika għall-pajjiżi li tqis il-kuntest u l-partikolaritajiet ta' kull Stat Membru u tas-sistema ġuridika tiegħu. Il-valutazzjoni hija ppreżentata fir-rapporti ta' kull pajjiż tas-Semestru Ewropew.


2.1. It-titjib tal-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji

Id-deċiżjonijiet f'waqthom huma essenzjali għan-negozji, għall-investituri u għall-konsumaturi. Fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar l-investment, il-kumpaniji jqisu r-riskju li jkunu involuti f'tilwim kummerċjali, tilwim fuq ix-xogħol jew it-tassazzjoni jew insolvenzi. B'hekk, l-effiċjenza li biha sistema ġudizzjarja tittratta l-litigazzjoni hija fattur importanti.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 turi li s-sitwazzjoni tvarja b'mod konsiderevoli skont l-Istat Membru u l-indikatur ikkonċernat⁴.

Għadd ta' Stati Membri qegħdin ikomplu jiffaċċjaw sfidi partikolari bl-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. Dawn il-problemi jikkonċernaw il-proċedimenti tal-prim'istanza li jieħdu fit-tul, flimkien mar-rati baxxi tal-iffinalizzar tal-kawżi jew numru kbir ta' kawżi pendenti.

Tabella 1 - Iż-żmien meħtieġ sabiex jiġu riżolti tilwimiet ċivili u kummerċjali kontenzjużi (prim'istanza/f'jiem)




³ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017, COM(2017)167 finali - http://ec.europa.eu/justice/effective-justice/scoreboard/index_mt.htm.

⁴ It-tul tal-proċedimenti, ir-rata tal-iffinalizzar u n-numru ta' kawżi pendenti huma indikaturi standard definiti mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa: http://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp.

Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017⁵

Nota: Il-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi jikkonċernaw tilwimiet bejn il-partijiet, pereżempju tilwimiet rigward kuntratti.


Tabella 2 — Ir-rata ta' riżoluzzjoni ta' kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi (il-prim'istanza/f%)



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017⁶

Nota: Meta r-rata tal-iffinalizzar tal-kawżi hija madwar 100 % jew ogħla, dan ifisser illi s-sistema ġudizzjarja tkun tista' ssolvi l-kawżi kollha li jkollha quddiemha. Meta r-rata tal-iffinalizzar tal-kawżi tkun inqas minn 100 %, dan ifisser illi l-qrati qegħdin isolvu inqas kawżi mill-għadd ta' kawżi li jkunu deħlin. Il-figura oriġinali fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 fiha informazzjoni kuntestwalizzata speċifika addizzjonali li tirrigwarda s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri.

Tabella 3 — In-numru ta' kawżi pendenti ċivili u kummerċjali kontenzjużi (prim'istanza/għal kull 100 abitant)



⁵ Abbażi tad-datadata pprovduta mis-CEPEJ. It-tul tal-proċedimenti jesprimi ż-żmien (f'jiem) meħtieġ sabiex tissolva kawża fil-qorti, jiġifieri ż-żmien li tiegħu l-qorti sabiex tiegħu deċiżjoni fil-prim'istanza. L-indikatur taż-żmien għat-tlestija' huwa n-numru ta' kawżi pendenti diviż bin-numru ta' kawżi deċiżi fl-aħħar tas-sena, immultiplikat bi 365 jum. Il-figura oriġinali fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 fiha informazzjoni kuntestwalizzata speċifika addizzjonali li tirrigwarda s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri.

⁶ Abbażi tad-data pprovduta mis-CEPEJ. Ir-rata tal-iffinalizzar tal-kawżi hija l-proporzjon tal-għadd ta' kawżi deċiżi fuq l-għadd ta' kawżi li jkunu deħlin. Hija tkejjel jekk qorti hijiex tlaħħaq mal-ammont ta' kawżi li qed jidhulha. It-tul tal-proċedimenti huwa marbut mar-rata li biha l-qrati jistgħu jsolvu l-kawżi, ir-rata tal-iffinalizzar tal-kawżi, u mal-għadd ta' kawżi li għadhom qegħdin jistennew li jissolvew, 'kawżi pendenti'.

Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017⁷

⁷ Abbażi tad-data pprovduta mis-CEPEJ. In-numru ta' kawżi pendenti jirrappreżenta n-numru ta' kawżi li għad iridu jiġu ttrattati fi tmiem perjodu. In-numru ta' kawżi pendenti jinfluwenza ż-żmien għat-tlestija. Il-figura oriġinali fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 fiha informazzjoni kuntestwalizzata speċifika addizzjonali li tirrigwarda s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri.

Id-data matul is-snin turi li hemm ċertu volatilità fir-riżultati, li jistgħu jitjiebu jew jiddeterjoraw minn sena għal oħra. Kien hemm titjib, b'mod partikolari, fl-Istati Membri li ġew identifikati mis-Semestru Ewropew jew mill-programmi ta' aġġustament makroekonomiku bħala li qegħdin jiffaċċjaw sfidi. Barra minn hekk, it-tul tal-proċedimenti u r-rati tal-iffinalizzar għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi tjiebu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri matul l-aħħar 5 snin.

Matul l-aħħar sentejn kien hemm ukoll xi tnaqqis fil-kawżi pendenti. Madankollu, l-għadd ta' kawżi pendenti għadu għoli f'diversi Stati Membri.

2.2. It-titjib tal-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji

L-istituzzjonijiet ta' kwalità għolja, inklużi s-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, huma fattur determinanti għall-prestazzjoni ekonomika. Ġustizzja effettiva tirrikjedi l-kwalità matul il-proċess ġudizzjarju kollu. Ċerti fatturi ġeneralment aċċettati bħala rilevanti⁸ jistgħu jgħinu sabiex tittejjeb il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji.

Dawn jinkludu:

- ICT moderna, b'mod partikolari s-sistemi ta' ġestjoni tal-kawżi;
- it-taħriġ tal-imħallfin u tal-persunal tal-qorti;
- il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti;
- l-użu ta' sħarriġ tas-sodisfazzjon; u
- l-għoti ta' finanzjament u persunal adegwati lis-sistemi ġudizzjarji.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 tikkonferma li s-sitwazzjoni tvarja b'mod sinifikanti madwar l-UE, iżda wkoll li ħafna Stati Membri qegħdin jagħmlu

sforzi partikolari **sabiex isegwu u jżidu l-isforzi bil-għan li jsostnu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom.**

Pereżempju, filwaqt li l-isforzi sabiex jittejjbu l-għodod tal-ICT għas-sistema ġudizzjarja ssoktaw, l-indikaturi jiżvelaw nuqqasijiet f'għadd ta' Stati Membri (il-Tabella 4). Xi Stati Membri jsegwu approċċ komprensiv għall-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-qorti, inkluż permezz ta' sħarriġ.


Il-potenzjal sħiħ tas-**sistemi tal-ġestjoni tal-kawżi tal-ICT** għad irid jiġi sfruttat f'ħafna Stati Membri. Dan jinkludi l-ġestjoni tal-kawżi fil-ħin reali, statistika tal-qorti standardizzata, il-ġestjoni tal-kawżi pendenti u sistemi awtomatizzati ta' twissija bikrija.

F'termini tar-riżorsi finanzjarji, id-data turi li n-nefqa fuq is-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri għadha pjuttost stabbli (il-Tabella 5). **Huwa meħtieġ finanzjament adegwat sabiex is-sistema ġudizzjarja tiffunzjona tajjeb** u sabiex ikun hemm il-kundizzjonijiet addattati fil-qrati u persunal bil-kwalifiki xierqa.

L-istandards jistgħu jgħollu l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji (il-Tabella 6). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom standards dwar kif il-partijiet jiġu infurmati dwar il-progress tal-kawża tagħhom, l-iskeda ta' żmien tal-qorti jew id-dewmien potenzjali, iżda huma jużaw metodi differenti. L-għoti awtomatizzati ta' informazzjoni mill-qrati huwa aktar faċli għall-utenti minn sistema li tirrikjedi li l-partijiet jieħdu azzjoni.

⁸ Ara, pereżempju, 'Il-lista ta' kontroll għall-promozzjoni tal-kwalità tal-ġustizzja u tal-qrati' (2008) tas-CEPEJ; Opinjoni Nru 6 (2004) tal-Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej (CCJE) disponibbli fuq: <https://rm.coe.int/168074752d>.

Tabella 4– L-ICT użata għall-ġestjoni tal-kawżi u statistika dwar l-attività tal-qorti (indikator ponderat - min=0, mass=4)



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017.


Nota: Id-data tikkonċerna s-sena 2015.

Ir-rata tat-tagħmir minn 100 % (tagħmir kompletament attiv) għal 0 % (tagħmir li ma jeżistix) tindika l-preżenza funzjonali fil-qorti tat-tagħmir kopert mill-grafika, skont l-iskala li ġejja:

- 100 % = 4 punti jekk applikabbli għall-materji kollha/1.33 punt għall-materja speċifika;
- 50-99 % = 3 punti jekk applikabbli għall-materji kollha/1 punt għall-materja speċifika;
- 10-49 % = 2 punti jekk applikabbli għall-materji kollha/0.66 punt għall-materja speċifika;
- 1-9 % = 1 punt jekk applikabbli għall-materji kollha/0.33 punt għall-materja speċifika.

Il-materja tirrigwarda t-tip ta' litigazzjoni ttrattata (ċivili/kummerċjali, kriminali, amministrattiva jew oħra).


Tabella 5 – In-nefqa tal-amministrazzjoni pubblika fuq il-qorti tal-ġustizzja bħala perċentwal tal-PDG



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017⁹

⁹ Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat. Il-figura oriġinali fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 fiha informazzjoni kuntestwalizzata speċifika addizzjonali li tirrigwarda s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri.

Tabella 6 – L-istandards fuq l-informazzjoni dwar il-progress tal-kawżi



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017¹⁰

2.3. L-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji

L-indipendenza ġudizzjarja hija rekwiżit li joħroġ mid-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (l-Artikolu 47). Din hija element fundamentali ta' sistema ġudizzjarja effettiva.


Hija importanti wkoll għal ambjent tan-negozju u tal-investment attraenti, minħabba li tiggarantixxi l-ġustizzja, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza tas-sistema ġuridika li fiha joperaw in-negozji. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 turi l-bidliet fl-indipendenza perċepita abbażi tal-istħarriġ tal-pubbliku u tal-kumpaniji.

Hija tikkonferma r-risultati minn sħarriġ ieħor, b'mod partikolari fost l-Istati Membri bl-aktar grad baxx u għoli perċepit ta' indipendenza ġudizzjarja.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-2017 tkompli telenka s-salvagwardji legali tal-indipendenza ġudizzjarja li jeżistu f'ċerti tipi ta' sitwazzjonijiet fejn l-indipendenza tista' tkun f'riskju. Eżempju wieħed huwa t-trasferiment tal-imħallfin mingħajr il-kunsens tagħhom.


¹⁰ L-Istati Membri ngħataw punti skont il-metodu użat sabiex jipprovdu kull tip ta' informazzjoni. 1.5 punt għal notifika awtomatika permezz tal-posta elettronika jew SMS, punt (1) għal aċċess online matul il-kawża, 0.5 punti kull wieħed għall-informazzjoni mogħtija wara talba mill-partijiet, b'diskrezzjoni tal-qorti jew kwalunkwe metodu ieħor użat.

Tabella 7 – L-indipendenza perċepita tal-qrati u tal-imħallfin fost il-pubbliku ġenerali¹¹



Sors: L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL447¹²

Tabella 8 – L-indipendenza perċepita tal-qrati u tal-imħallfin fost il-kumpanji¹³



Sors: L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL448¹⁴


¹¹ Il-kuluri ċari (il-kolonna fuq ix-xellug għal kull pajjiż) jirreferu għall-2016. Il-kuluri skuri (il-kolonna fuq il-lemin għal kull pajjiż) jirreferu għall-2017.

¹² L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL447, li twettaq bejn il-25 u s-26 ta' Jannar 2017. Il-mistoqsija li saret kienet: 'Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema tal-ġustizzja fi (pajjiżna) f'termini tal-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin? Tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?'

¹³ Il-kuluri ċari (il-kolonna fuq ix-xellug għal kull pajjiż) jirreferu għall-2016. Il-kuluri skuri (il-kolonna fuq il-lemin għal kull pajjiż) jirreferu għall-2017.

¹⁴ L-istħarriġ tal-Ewrobarometru FL448, imwettaq bejn il-25 ta' Jannar u t-3 ta' Frar 2017. Il-mistoqsija li saret kienet: 'Minn dak li taf, kif tikklassifika s-sistema ġudizzjarja fi (pajjiżna) f'termini tal-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin? Tgħid li hija tajba ħafna, pjuttost tajba, pjuttost ħażina jew ħażina ħafna?'

Tabella 9 – L-indipendenza ġudizzjarja perċepita



Sors: Data tal-Forum Ekonomiku Dinji¹⁵ ppubblikata fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017. Valur ogħla jfisser perċezzjoni aħjar.

L-istandards Ewropej¹⁶ jirrikjedu li l-indipendenza ġudizzjarja tiġi protetta b'mod effettiv fis-sistema ġudizzjarja permezz ta' salvagwardji legali (indipendenza strutturali).

Pereżempju, l-imħallfin ma għandhomx jiġu ttrasferiti lejn uffiċċju ġudizzjarju ieħor mingħajr il-kunsens tagħhom, ħlief għal każijiet ta' sanzjonijiet dixxiplinarji jew riforma


tal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġi evitat li ssir pressjoni żejda fuq imħallf. Il-Tabella 10 turi jekk tali trasferiment huwiex permess fl-ewwel lok, u, jekk iva, liema awtoritajiet jiddeċiedu dwar trasferimenti bħal dawn, ir-raġunijiet (eż. organizzattivi, dixxiplinarji) li jippermettuhom u l-possibbiltajiet ta' rieżami kontra d-deċiżjonijiet ta' trasferiment¹⁷.

¹⁵ L-indikatur tad-WEF huwa bbażat fuq it-tweġibiet tal-istħarriġ għall-mistoqsija: 'F'pajjiżek, kemm hija indipendenti s-sistema ġudizzjarja mill-influwenzi tal-gvern, tal-individwi jew tal-kumpaniji? [1 = mhux indipendenti xejn; 7 = totalment indipendenti]'. It-tweġibiet għall-istħarriġ ittiedu minn kampjun rappreżentattiv ta' negozji li jirrappreżentaw is-setturi ewlenin tal-ekonomija (l-agrikoltura, l-industrija tal-manifattura, l-industrija mhux tal-manifattura u s-servizzi) fil-pajjiżi kollha kkonċernati. L-istħarriġ huwa amministrat f'formati differenti, inklużi intervisti wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon ma' kapijiet eżekuttivi tan-negozji, b'formoli stampati mibgħuta bil-posta u stħarriġ online: <https://www.weforum.org/reports/the-global-competitiveness-report-2016-2017-1>.

¹⁶ B'mod partikolari, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tas-17 ta' Novembru 2010 lill-Istati Membri dwar l-imħallfin: l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabbiltajiet.

¹⁷ Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12, §52.

Tabella 10 - Is-salvagwardji li jirrigwardjaw it-trasferiment tal-imħallfin mingħajr il-kunsens tagħhom (il-pożizzjoni fissa tal-imħallfin)



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017¹⁸. In-numru fuq il-kolonna jindika n-numru ta' mħallfin ittrasferiti mingħajr il-kunsens tagħhom fl-2014 (fejn ma hemm ebda numru jindika li ma hija disponibbli ebda data).

¹⁸ Id-data nġabret permezz ta' kwestjonarju aġġornat imfassal mill-Kummissjoni b'assoċjazzjoni mill-qrib man-Netwerk Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (ENCJ). It-tweġibiet mill-Istati Membri li ma għandhomx Kunsilli għall-Ġudikatura jew ma humiex membri tal-ENCJ inkisbu b'kooperazzjoni man-Netwerk tal-Prezidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-UE. L-Istati Membri jidhru fl-ordni alfabetika tal-ismijiet ġeografiċi tagħhom fil-lingwa oriġinali. L-għoli tal-kolonna mhux bilfors jirrifletti l-effettività tas-salvagwardji. Il-figura oriġinali fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 fiha informazzjoni kuntestwalizzata speċifika addizzjonali li tirrigwarda s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri.

3. L-IDENTIFIKAZZJONI TA' LIEVI TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI

It-tipi ta' riformi strutturali li jistgħu jindirizzaw l-isfidi identifikati hawn fuq ivarjaw minn miżuri strutturali għal miżuri aktar operattivi.

Huma jinkludu:

- ir-ristrutturar tal-organizzazzjoni tal-grati;
- ir-rieżami tal-mappa ġudizzjarja;

Dawn ir-riformi strutturali huma lievi ta' politika ewlenin li jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu effettivi u jinħoloq ambjent aktar akkoljenti għan-negozju u l-investment.

L-impatt ekonomiku ta' sistemi ġudizzjarji li jiffunzjonaw b'mod sħiħ jiġġustifika dawn l-isforzi. Sistemi ġudizzjarji effettivi għandhom rwol ewlieni fl-istabbiliment tal-fiduċja matul iċ-ċiklu tan-negozju. Sistemi ġudizzjarji li jiggarrantixxu l-infurzar tad-drittijiet iġibu magħhom ħafna benefiċċji. Il-kredituri huma aktar probabbli li jsellfu. Id-ditti huma dissważi minn imġiba opportunistika. Il-kostijiet tat-tranżazzjoni jitnaqqsu. In-negozji innovattivi li spiss jiddependu fuq assi intanġibbli, bħad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (DPI), huma aktar probabbli li jinvestu.

Għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-importanza li jkun hemm sistemi ġudizzjarji nazzjonali effettivi għet enfasizzata fi sħarriġ tal-2015¹⁹ ta' kważi 9 000 SME Ewropea dwar l-innovazzjoni u d-DPI.

L-istħarriġ żvela b'mod partikolari li l-ispiża u t-tul eċċessiv tal-proċedimenti ġudizzjarji kienu fost ir-raġunijiet ewlenin għala l-SMEs qagħdu lura milli jibdeu proċedimenti tal-qorti fuq ksur tad-DPI.

¹⁹ L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), 'It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-SMEs tal-Proprietà Intellettuali (IP) 2016'.

- l-immodernizzar u s-simplifikazzjoni tar-regoli proċedurali;
- ir-riforma tal-kunsill għall-ġudikatura;
- ir-riforma tal-professjonijiet ġudizzjarji u legali;
- ir-riforma tal-għajjuna legali;
- it-titjib tal-infurzar tas-sentenzi;
- il-promozzjoni tal-allokkazzjoni każwali tal-kawżi;
- l-immodernizzar tal-proċess tal-ġestjoni u t-trasparenza tal-proċedimenti fil-qorti;
- il-promozzjoni tal-użu ta' teknoloġija tal-informatika ġdida; u
- it-trawwim tal-iżvilupp ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

L-impatt ta' benefiċċju tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali li jiffunzjonaw sewwa għall-ekonomija huwa enfasizzat f'firxa ta' letteratura u riċerka²⁰. Dan jinkludi pubblikazzjonijiet mill-Fond Monetarju Internazzjonali²¹, mill-Bank Ċentrali Ewropew²², mill-OECD²³, mill-Forum Ekonomiku Dinji²⁴, u mill-Bank Dinji²⁵. Pereżempju, studju tal-2015 dwar ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja ċivili Portugiża wera li t-tul tal-proċedimenti

²⁰ *Alves Ribeiro Correia/Antas Videira*, 'Troika's Portuguese Ministry of Justice Experiment: An Empirical Study on the Suċċess Story of the Civil Enforcement Actions', fil-Ġurnal Internazzjonali għall-Amministrazzjoni tal-Qorti, Vol. 7, Nru 1, Lulju 2015, jafferma s-suċċess tar-riformi mfašlin fil-Portugall.

²¹ Il-FMI, 'Fostering Growth in Europe Now', it-18 ta' Ġunju 2012.

²² Il-BĊE, 'Adjustment and growth in the euro area', is-16 ta' Mejju 2013; disponibbli fuq: <http://www.ecb.europa.eu/press/key/date/2013/html/sp130516.en.html>.

²³ Ara, pereżempju, 'What makes civil justice effective?', Noti tal-Politika tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD, it-18 ta' Ġunju 2013 u 'The Economics of Civil Justice: New Cross-Country Data and Empirics', Dokumenti ta' Ħidma tad-Dipartiment tal-Ekonomija tal-OECD, Nru 1060.

²⁴ Il-Form Ekonomiku Dinji, 'The Global Competitiveness Report; 2013-2014', disponibbli fuq: http://www3.weforum.org/docs/WEF_GlobalCompetitivenessReport_2013-14.pdf.

²⁵ Il-Bank Dinji, 'Doing Business 2014', disponibbli fuq: <http://www.doingbusiness.org/~media/WBG/DoingBusiness/Documents/Annual-Reports/English/DB14-Full-Report.pdf>.

ġudizzjarji naqas b'aktar minn terz minħabba r-riformi promulgati bħala parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku²⁶.

Hemm ukoll evidenza li sistema ġudizzjarja effettiva tinkoraġġixxi l-investiment f'pajjiż partikolari²⁷. Ir-riċerka stabbilixxiet korrelazzjoni pożittiva bejn id-daqs tal-kumpanija u s-sistemi ġudizzjarji effettivi. B'kuntrast, fejn hemm nuqqasijiet fil-funzjonament tal-ġustizzja, jiġu osservati inċentivi aktar dgħajfa għall-investiment u l-impjegar²⁸.

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod effettiv hija importanti wkoll għall-ħolqien ta' ambjent favorevoli għan-negozju.

Fl-aħħar nett, il-fiduċja f'sistemi ġudizzjarji li jiffunzjonaw sewwa tikkontribwixxi għal għanijiet bħall-intraprenditorija. Bil-maqlub, in-nuqqasijiet fis-sistemi ġudizzjarji jwasslu għal kostijiet tas-self ogħla²⁹.

4. EŻAMI BIR-REQQA TAS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-POLITIKA

Ir-rapporti għal kull pajjiż tas-Semestru Ewropew tal-2017 juru li għadd ta' Stati Membri qegħdin ikomplu jiffaċċjaw sfidi partikolari fuq l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. Fis-Semestru Ewropew tal-2017, il-Kunsill tal-UE, wara proposta mill-Kummissjoni Ewropea, indirizza rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Kroazja, Ċipru, l-Italja, il-Portugall u s-Slovakkja sabiex jagħmlu s-sistemi ġudizzjarji tagħhom aktar effettivi.


²⁶ *Alves Ribeiro Correia/Antas Videira* (2015), *ibid.*

²⁷ Ara r-Rapport ta' kull Pajjiż tal-FMI, Nru 13/299.

²⁸ Ara d-Dokument ta' Fiduċja tal-Bank ta' Spanja, Nru 1303; Ara d-Dokument ta' Fiduċja tal-Bank tal-Italja, Nru 898; Rapport ta' kull Pajjiż tal-FMI, Nru 13/299.

²⁹ Rapport ta' kull Pajjiż tal-FMI, Nru 13/299.

Tabella 11 – L-immappjar tar-riformi ġudizzjarji fl-UE (il-miżuri u l-inizjattivi adottati li qegħdin jiġu nnegozjati)



Sors: It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017

L-eżami bir-reqqa juri li għadd ta' Stati Membri qegħdin jappoġġjaw ir-riformi ġudizzjarji tagħhom permezz tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-UE qed tipprovdi EUR 4.2 biljun bħala sostenn għaż-żieda tal-kapaċità istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluża r-riforma ġudizzjarja, permezz tal-FSIE. Fid-dokumenti ta' programmazzjoni tagħhom, 14-il Stat Membru³⁰ identifikaw il-ġustizzja bħala qasam li għandu jiġi appoġġjat permezz tal-FSIE.

Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza tat-teħid ta' approċċ orjentat lejn ir-riżultati meta jiġu implimentati l-fondi: dan l-approċċ huwa meħtieġ ukoll skont ir-Regolament tal-FSIE³¹. Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-Istati Membri dwar kif li aħjar li tivvaluta u tevalwa l-impatt tal-FSIE fuq is-sistemi ġudizzjarji kkonċernati.

Il-Kummissjoni qed tkompli tappoġġja r-riformi ġudizzjarji billi tipprovdi appoġġ tekniku, kif ukoll permezz tas-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali (SRSS) tagħha. Dan qed isir b'konnessjoni kemm mal-programmi ta' aġġustament makroekonomiku, notevolment f'Ċipru u l-Greċja, kif ukoll mal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika fil-Bulgarija u r-Rumanija.

L-Istati Membri kienu qegħdin jimplimentaw għodod u Prattiki innovattivi sabiex isaħħu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom. Xi eżempji jinkludu dawn li ġejjin:

1) Ċentru tal-komunikazzjoni għad-distribuzzjoni tad-dokumenti tal-qorti fis-Slovenja (EVIP)³². Dan jaġixxi bħala reġistru ċentrali tad-dokumenti tal-qorti fis-sistema ġudizzjarja Slovena kollha. Iċ-ċentru qassar b'mod sinifikanti ż-żmien meħtieġ sabiex jitħejjew u jintbagħtu bil-baħar id-dokumenti tal-qorti u, min-naħa tiegħu, dan qassar it-tul tal-proċedimenti tal-qorti. Barra minn hekk, il-membri tal-

³⁰ Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja (il-FEŻR biss), il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

³¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, 20.12.2013.

³² [Quality of Public Administration — A Toolbox for Practitioners](#), Il-Kummissjoni Ewropea, 2017.

persunal tal-qorti nħelsu mill-ħidma amministrattiva tal-istampar, il-mili tal-envelops u t-trasport marittimu, u b'hekk jifdallhom aktar ħin sabiex jiffokaw fuq xogħol sostantiv.

2) Aċċess miftuħ għall-każistika fir-Rumanija. Il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-qrati jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa sabiex il-partijiet isegwu l-kawżi tagħhom fil-qrati (l-ismijiet tal-partijiet, id-dati tas-sessjonijiet, l-oġġezzjoni u d-deċiżjoni fil-qosor). FI-2015, il-Fondazzjoni Rumena tal-Istitut għall-Infurmazzjoni Legali (il-Fondazzjoni RoLII) nediet portal ġdid li jipprovdi aċċess pubbliku għat-test sħiħ tas-sentenzi kollha tal-qorti, fl-istanzi

kollha. Dan ikopri l-istadji kollha tal-proċedura, inklużi dawk li għadhom miftuħa għall-appell, filwaqt li jirrispetta d-dritt għall-privatezza.

3) Portal tas-servizzi elettroniċi fil-Latvja. Sabiex tittejjeb l-informazzjoni pprovduta lill-pubbliku u lin-negozji dwar is-servizzi tal-qorti, il-portal tal-qrati nazzjonali (<https://manas.tiesas.lv/eTiesas/>) issa jipprovdi interfaċċa aktar faċli għall-utenti b'servizzi elettroniċi u informazzjoni aġġornata dwar il-qrati. It-titjib jinkludi:

- pjattaforma għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet lill-qorti online;
- l-ikkompletar u s-sottomissjoni tal-formoli online;
- it-traċċar online tal-proċedimenti tal-qorti;
- in-notifiki elettroniċi; u
- kalendarju li juri d-disponibbiltà tal-avukati u tal-prosekuturi.

Meħuda flimkien, dawn l-għodod qegħdin jippermettu lis-sistema tal-qorti tnaqqas in-numru ta' kawżi sospiżi u tipprovdi provi aktar mgħaġġla, inklużi proċessi transkonfinali aktar faċli.

Data: 9.11.2017

5. RIŻORSI UTLI

- It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2017 - Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2017) 167 finali
http://ec.europa.eu/justice/effective-justice/scoreboard/index_mt.htm
- Il-Kwalità tal-Amministrazzjoni Pubblika — Sett ta' Għodod għall-Prattikanti (Quality of Public Administration — A Toolbox for Practitioners), Il-Kummissjoni Ewropea (2017)
<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8055>